

# Ir-Rozarjanti u l-Iggustizzjati



**minn Gwido Lanfranco**

Meta ngħidu "Rożarjanti" (jew rużarjanti) nkunu qed nużaw kelma oħra minflok "tar-Rużarju". Taħt xi forma jew oħra ir-reċta tar-Rużarju tal-Madonna kienet ilha ssir minn żminijiet bikrija taż-żminijiet nofsana, imma meta l-flotta ta' l-Insara, bil-galeri tal-papa megħuna minn alleati Ewropej inkluża l-Ordni ta' San Ġwann minn Malta, għamlet rebħa storika fuq it-Torok f'Lepanto fl-1571 il-Papa ddeċieda li dik ir-rebħa kienet saret bis-saħħa tal-Madonna tar-Rużarju u beda jdaħħal dik id-devozzjoni kullimkien. Billi hu kien Dumnikan kien ħalla f 'idejn id-Dumnikani biex jieħdu responsabbiltà jxerrduha u dawn, fost affarijiet oħra, kienu jiffurmaw gruppi devozzjonali għall-promozzjoni tar-Rużarju tal-Madonna u jiffesteġġaw il-festi tagħha bil-kbir. F'Malta stess it-titulari tagħhom (minbarra tan-Nazzarenu għax kienet teżisti qabel) huma kollha Marjani.

L-ewwel fratellanzi tar-Rużarju eretti formalment barra minn xtutna kienu fl-1520 mill-Papa Leo X. L-ewwel fratellanzi tar-Rużarju formalment eretti f'Malta kienu dawk tad-Dumnikani tal-Birgu, tar-Rabat u tal-Belt. F'din il-kitba se niddiskutu ftit il-fratellanza tar-Rużarju fil-Belt għax din kellha konnessjoni intima ma' l-Ordni ta' San Ġwann.

## Kif l-Ordni ta' San Ġwann assoċċjat mad-Dumnikani tal-Belt

Fl-Ewropa kien hawn ħafna Ordnijiet ohra reliġjużi-militari, bil-membri sinjuri u nobbli, jixbħu 'l dik ta' San Ġwann ta' Malta, u dawn kollha kellhom il-funzjoni li jiddefendu lill-imjassrin, jgħinu lill-foqra, batuti, kalzrati u kundannati u kienu jieħdu ħsieb jgħinuhom spiritwalment u materjalment. Fis-seklu sittax ir-Re Ferdinandu fi Spanja flimkien mal-Papa sostnew l-għaqda bejn l-erba' Ordnijiet prinċipali Spanjoli biex jingħaqdu fuq xogħol ta' ħniena fi fratellanza tal-Miżerikordja u wara, l-Papa ried li jżidu d-devozzjoni lejn ir-Rużarju b'tifkira tar-rebħa ta' Lepanto. Ftit taż-żmien wara l-Franċiżi għamlu l-istess u warajhom ukoll it-Taljani u oħrajn fl-Ewropa. Meta l-Ordni ta' San Ġwann waslet Malta fl-1530 l-membri tagħha kienu minn dawk il-pajjiżi kollha li kienu waqqfu l-fratellanzi tal-Miżerikordja u għalhekk ġa kellhom tradizzjoni ta' tagħha meta ġew fil-gżejjer tagħna u wara ftit bdew jaħsbu biex jiffurmaw waħda f'Malta. L-approvazzjoni biex dan isir formalment waslet fl-1575 u, billi kienet għadha kemm seħħet ir-rebħa ta' Lepanto, l-fratellanza tal-Kavallieri ssemmiet tar-Rużarju Mqaddes bħala tifkira. Il-Gran Mastru Le Vesque de la Cassiere tahom il-privileġġ li jżidu "della Misericordia" ma' l-isem tal-fratellanza u li l-istess fratellanza tieħu t-titolu ta' arċikonfraternità.

Meta dawn iffurmaw dik il-Konfraternità tar-Rużarju u Miżerikordja fl-1575 id-Dumnikan tawhom l-art biex jistgħu jibnu oratorju u tawhom ukoll kappella fil-knisja ta' Porto Salvo. Kull l-ewwel Ħadd tax-xahar kienu jiċċelebraw quddiesa kantata u purċissjoni kif kienu jagħmlu l-fratellanzi l-oħrajn tar-Rużarju. Mill-1600 bdew jiċċelebraw il-festa tar-Rużarju f'Ottubru. Kien hemm nies iħallu legati għall-fratellanza tar-Rużarju u oħrajn



kienu jiddefinuha bħala tal-Miżerikordja. Dan ħoloq separazzjoni taż-żewġ aspetti tal-l-għaqda sal-1580, bil-kavallieri aktar taħt il-mant tal-Miżerikordja milli tar-Rużarju. Sadanittant beda jinbena oratorju ġdid mill-kavallieri mal-knisja konventwali tagħhom ta' San Ġwann.
Fit-22 ta' Diċembru 1603 il-kavallieri telqu proċessjonalment mingħand id-Dumnikani bir-relikwa ta' San Ġwann u marru fl-oratorju l-ġdid bħala konfraternità tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann u tal-Miżerikordja; it-titular ta' l-oratorju sar dak li nafu tal-Caravaggio, il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann. Fl-1798 ġew il-Franċiżi u l-affarijiet waqfu sakemm Malta daħlet taħt il-hakma Ngliża. Sal-1806, taħt l-Ingliżi d-Dumnikani lahqu bnew kappella ġdida u sar oratorju għall-fratellanza tar-Rużarju imma minn dik is-sena l-fratellanza ħadet f'idejha x-xogħol ta' ma ;-ikkundannati għall-mewt, xogħol li kien isir mill-kavallieri u l-isem inbidel f' "Arċikonfraternità del Ssmo. Rosario e Della Misericordia" u bdew deħlin fiha nies ta' professjoni u oħrajn ta' livell għoli. L-oratorju l-ieħor li kellhom mal-knisja tad-Dumnikani nbigħ lill-kavallier Giorgio Nibbia għaddar tiegħu imma ftit wara reġgħu xtraw kollox mill-ġdid il-patrijiet biex iżidu mal-kunvent tagħhom. L-oratorju kien waqa' bil-bombi tal-gwerra fis-27 ta' April 1942 imma reġa nbena.

**Ix-xogħol ta' l-ikkundanati**

Fi żmien l-Ordni, meta kien se jkun hemm xi eżekuzzjoni ( li minnhom kien hemm ħafna!) il-Gran Viskonti kien javża d-data lill-fratellanza meta fiha l-membri kienu kavallieri. Fi żmien il-Franċiżi kien waqaf ix-xogħol tal-fratellanzi.
Jidher li meta kien ikun hemm eżekuzzjonijiet barra l-Belt kienu jassistu il-fratellanzi l-antiki ta' San Ġużepp, bħalma sar fil-Birgu fl-1813 meta ffuċillaw suldat Sqalli u difnuh f'San Lawrenz. Fir-Rabat u l-Imdina fl-imgħoddi kienu jieħdu ħsieb dawk tal-fratallenza ta' San Ġużepp tar-Rabat.
Mill-1806 'l quddiem il-fratellanza tar-Rużarju tal-Belt, kif rajna, ħadet ix-xogħol konness ma' l-ikkundannati, għalhekk fi żmien l-Ingliżi kien il-kmandant tal-pulizija li beda javżahom u mill-ewwel bdew bix-xogħol għax fl-1807 ġa kellhom f'idejhom każ ta' żewġ irġiel ħatja li qatlu qassis waqt serqa. Meta kien ikun hemm eżekuzzjoni, minn tlett ijiem qabel, ir-Riżorjanti kienu joħorġu jiġbru fl-irħula u fl-ibliet imma mhux fejn kien joqgħod l-ikkundannat. Nofs il-ħabra kienet tmur għall-ispejjeż ta' konnessi ma' l-eżekuzzjoni u wkoll għall-qraba tiegħu filwaqt li n-nofs l-ieħor kienu jgħadduh lid-Dumnikani għall-quddies għal ruħu. Jekk jiltaqgħu tnejn minnhom fit-triq ma kienux jitkellmu ħlief biex jgħidu isimhom lil xulxin biex ikunu żguri li ma jkunx qed isir xi abbuż minn xi ħadd liebes bħalhom.
Meta joħroġu jiġbru u meta jmorru proċessjonalment lejn il-forka u jirritornaw lejn Porto Salvo kienu jilbsu l-abjad tal-kunfratija, muzzetta u kappell kbir bil-faldi mitnija 'l fuq mill-ġnub, kurdun u kuruna. Wiċċhom kien ikun mgħammad bil-barnuża li kien fiha żewġ toqbiet għall-għajnejn. Ġie li kien jsemmuhom xi vjaġġaturi li jgħaddu minn Malta, fosthom George Frech Angas li, fl-1841 meta kellu 19-il sena, għadda Malta fil-vjaġġ tiegħu fi Sqallija u kiteb kemm kienu tal-waħx ifakkruh fil-fattati.
Sa żmien il-gwerra niftakruhom sewwa, għax konna narawhom jiġbru u n-nies titkexkex minnhom. Jien stess niftakar meta wieħed niżel fix-xelter f'Tas-Sliema waqt air raid meta kien qed jiġbor fl-aħħar darba li saret eżekuzzjoni li kienet ta' żewġ aħwa Żammit f'Lulju 1943.
Ftit qabel l-eżekuzzjoni ir-Rożarjanti jdaħħlu lill-ikkundannat membru tagħhom fil-

fratellanza. Tabilħaqq, meta kull sena kienu jippubblikaw il-lista ta' l-imseiħba fil-fratellanza, kif ukoll ta' dawk li mietu, iżidu wkoll rapport ta' l-assistenza ma' l-ikkundannat jew kundannati ta' dik is-sena, bħalma b'eżempju nistgħu insemmu l-lista ta' l-1941 li telenka l-fratelli ħajjin u mejtin ta' l-1940 li fiha daħħlu wkoll l-ikkundannat Paolo Mifsud. Fl-aħħar mumenti tiegħu ikollu wkoll l-assistenza tal-kapuċċin. Il-fratelli kellhom ukoll żewġ paletti ta' l-injam, waħda bil-pittura fuqha ta' San Ġużepp u l-oħra bid-Duluri mal-Kurċifiss biex ikunu l-aħħar xbihat li l-ikkundannat jara qabel il-mewt.

Fil-jum ta' l-eżekuzzjoni r-Rożarjanti jmorru l-ħabs proċessjonalment (meta kien il-Kastellanja tal-Belt) u sa' Kordin meta nbena dan il-ħabs b'mezzi ta' trasport. Nieħdu każwieħed relattivament riċenti, dak ta' l-isfortunat Carmelo Pisani fis-27 ta' novembru 1942 li ġie fuċillat fuq kundanna ta' spjunaġġ għat-Taljani. Fis-sitta ta' filgħodu r-Rożarjanti ltaqgħu fil-kunvent tad-Dumnikani l-Belt u xarabank private wasslithom, lebsin lesti, wiċċhom mgħammad, sal-knisja ta' Santa Ubaldeska r-Raħal Ġdid qrib il-habs ta' Kordin. Marru fil-kappella tal-ħabs fejn kixfu wiċċhom. Wara erba' kelmiet mid-Dumnikan direttur spiritwali tagħhom, lilhom u lill-ikkundannat kitbuh membru fil-fratellanza. Fil-kamra ta' l-eżekuzzjoni daħal biss il-Kapuċċin u l-fratelli rritornaw lejn Sant' Ubaldeska fejn reġgħu kixfu wiċċhom u semgħu l-quddiesa. Wara talb għal mejjet reġgħu ħarġu lejn il-ħabs wiċċhom mgħotti jkantaw il-*miserere* biex, wara l-awtopsja, jieħdu proċessjonalment lill-mejjet għad-difna fiċ-ċimiterju tal-ħabs. Wara telqu lura bix-xarabank lejn il-Belt, niżlu ħdejn Kastilja u mxew wiċċhom mgħotti lejn il-knisja ta' Porto Salvo waqt li kantaw il-*Miserere*.



**Pittura ta' l-awtur li turi Rożarjant jiġbor għall-ikundannat**



**Mumenti oħra**

Il-fratellanza tar-Rużarju tad-Dumnikani tal-Belt kellha għadd kbir ta' membri. Il-Gran Mastru pintu wkoll kien daħal membru tagħha fl-1755. Għall-vestizzjoni tiegħu fit-18 ta' Ottubru l-oratorju kien kollu dekorat, ġewwa u fit-toroq kien hemm folol ta' nies, fratelli u patrijiet, daqq ta' qniepen, trumbetti u ħruq ta' musketterija waqt li l-Gran Mastru mexa mill-palazz sal-knisja, akkumpanjat mill-paġġi tiegħu bix-xemgħa f'idhom u għadd kbir ta' kavallieri u dinjitarji tal-knisja. Wara quddiesa u priedka ppreżentawlu l-ilbies tal-ħarir bil-buttuni tad-deheb waqt li pprofessa u l-kant ta' litanija u Te Deum, daqq ta' l-orkestra , qniepen, trumbetti u l-kumplament. Baqa' rettur sakemm miet.

Waqt l-agunija ta' l-Isqof Giacomo Cannaves r-rettur tal-fratellanza tar-Rużarju assistih wara l-griżma tal-morda billi tah indulġenzi in articulo mortis u tah iċ-ċintura tal-Karmnu u tal-Madonna kif ukoll iċ-ċinglu Franġiskan.

Il-Fratelli kien ikollhom għadd kbir ta' okkażjonijiet li fihom kienu obbligati jiltaqgħu imma kellhom oħrajn mhux tas-soltu, bħalma ġara fl-1911. Dak iż-żmien kien hemm taħwid politiku reliġjuż bħalma sikwit kien jinqala', imma dak kien iż-żmien meta lil Manwel Dimech kulħadd kien irid isoddlu ħalqu għax kien jissielet għad-drittijiet u l-libertà tal-Maltin. Veru li kellu metodi libellużi imma dan kienu wkoll konvenjenti ħafna għall-politikanti u l-awtoritajiet tal-knisja biex ikabbru s-sitwazzjoni, u jaraw kif jagħmlu biex jeħilsu minnu; tabilħaqq spiċċa miet eżiljat l-Eġittu. Dik is-sena l-Isqof Portelli kien ħareġ kundanni lilu, lil sħabu u l-gazzetta tiegħu u wkoll skumnikah. Bdew isiru pellegrinaġġi ta' riparazzjoni. Wieħed minn dawn il-pellegrinaġġi kien sar minn Porto Salvo għal fuq il-fosos tal-Floriana, u kien organizzat mid-Dumnikani u l-fratellanza tar-Rożarjanti u fih akkumpanja l-Isqof Portelli.

**Fi żmienna**

L-assoċjazzjoni ma' l-ikkundannati spiċċat għax il-piena kapitali spiċċat fl-1971. għalkemm baqgħet tapplika għall-Forzi Armati jew għal xi każ ta' gwerra.

Il-fratellanza tal-Belt għadha teżisti imma aktar bl-isem għax ftit li xejn fadal fratelli. Il-proċessjoni tar-Rużarju għadha ssir, bħalma ssir mid-Dumnikani tar-Rabat, tal-Birgu, tal-Pietà u n-Nazzarenu. Tal-Belt, tal-Birgu u tar-Rabat għamlu żmien regolarment joħorġu żewġ vari fil-proċessjoni, waħda tal-Madonna tar-rużarju u ftit bogħod minnha dik ta' San Duminku, imma fis-snin riċenti mhux dejjem sar hekk.

Fi żmienna nsibu li ħafna fratellanzi marru lura, imma nsibu dawk li aġġornaw u assoċjaw ruħhom ma' attività oħra popolari bħal proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jew ma' każin tal-banda jew bil-maqlub, ħadu r-ruħ u kibru; oħrajn jibqgħu sakemm il-membri tagħhom iżommuhom ħajjin.